# ST NICHOLAS COLLEGE, MGARR PRIMARY

## Linji Gwida – Nindirizzaw l-*bullying* fl-iskola

**(Tiġi ffirmata mill-ġenituri/kustodji)**

### Definizzjoni

X'inhu *bullying*?

- L-imġieba qed tirrepeti ruħha?
- L-imġieba hija mmirata biex tweġġa'?
- Il-vittma mhix kapaċi tiddefendi lilha nnifisha?

Jekk it-tweġiba għal dawn it-tlett mistoqsijiet hija iva, jista' jkun hemm każ ta' bullying.




Tipi ta' *bullying*:

- ***Bullying* dirett** li jista' jkun **verbali** jew **fiżiku**
- ***Bullying* indirett** e.ż. billi xxerred għajdut
- **Cyberbullying** bl-użu tat-teknoloġija u *social networks*
- **Diskriminazzjoni razzjali** u **reliġjuża**
- ***Bullying* sesswali**

NB: kunflitti u problemi ta' imġiba mhumiex tipi ta' *bullying*!!!!

### Għanijiet

- Tipproteġi lill-istudenti u dawk kollha involuti fl-edukazzjoni tagħhom minn kull tip ta' *bullying.*
- Tipprovdi ambjent sikur u pożittiv għal kull persuna fl-iskola.
- Tipprevjeni u twaqqaf imġiba ta' *bullying*.
- Tħeġġeġ edukazzjoni ibbażata fuq valuri.

### Imġiba mixtieqa

- L-istudenti huma mistennija jżommu mar-regoli tal-iskola.
- L-istudenti huma mistennija jindirizzaw lil xulxin u lill-adulti b'lingwaġġ xieraq u bir-rispett.
- L-istudenti huma mistennija li ma jagħmlux kuntatt fiżiku li jweġġa' jew ma jkunx mixtieq.
- L-istudenti għandhom jiġu nkoraġġuti li jitkellmu dwar *bullying* b'mod li ma jpoġġix is-sigurtà tagħhom f'riskju jew periklu.

### Kif isir riferiment

- Riferiment jista' jsir lil kull membru tal-istaff (għalliema, LSAs, SMT u għalliema tal-Guidance).
- Kull riferiment jeħtieġ li jingħata lil membru tal-istaff nominat biex ikun rekordjat f'*logbook* apposta.

### Membru tal-istaff nominat

L-iskola tagħna għandha żewġ membri tal-istaff nominati biex iżommu rekord miktub dwar kull inċident ta' **bullying** u jieħdu il-passi neċessarji.

*Dawn il-membri huma:*

- Ms Borg Vella, assistent kap, li tieħu ħsieb mill-Kindergarten sat-tielet sena (Yr 3);
- Ms Rodgers, assistent kap li tieħu ħsieb il-klassijiet mir-raba' sena (Yr 4) sas-sitt sena (Yr 6).

**X'għajnuna teżisti?**

L-istudenti (l-awturi u l-vittmi) jiġu offruti sapport tal-għalliema tal-*guidance* u/jew il-*counsellor* tal-kulleġġ fuq bażi regolari.

Jekk l-għalliema tal-*guidance* t/jħoss li l-każ għadu ma ġiex solvut, dan jiġi referut lis-servizz tal-anti-*bullying*.

**(Membri tal-istaff għandhom jirreferu għas-sezzjoni tal-proċeduri fid-dokument tal-politika nazzjonali għar-riferiment dettaljat u proċeduri oħra.)**

***Restorative Justice* (Rimedji li jistgħu jittieħdu biex titranġa s-sitwazzjoni)**

L-awturi jistgħu jintalbu jipparteċipaw f'dawn l-attivitajiet skont il-gravità tal-imġiba tagħhom:

- L-awtur għandu/għandha jitlob skuża verbalment lill-vittma quddiem dawk li raw l-inċident tal-*bullying*
- T/Jibgħat noti pożittivi lill-vittma
- T/Jħejji preżentazzjoni quddiem il-vittma, u sħabhom tal-klassi dwar per eżempju:
    - Kif tkun ħabib tajjeb
    - Id-diffikultajiet li jiltaqgħu magħhom gruppi f'minorita
    - *Self-control*
- Djarju riflettiv waqt *time out* :
    - X'ġara?
    - X'għamilt?
    - Xi stajt nagħmel differenti?
    - X'nista' nagħmel biex inpatti għal għemili?
    - Kif iħossu min ikun *bullied*?
- Drama jew mima waqt assemblea speċjali jew fil-klassi
- *Role Play* waqt assemblea speċjali jew fil-klassi
- Attivitajiet ta' *team building*
- T/Jirrotorna, t/jirranġa, u/jew t/iħallas proprjetà misruqa jew imkissra

X'jistgħu jagħmlu studenti oħra:
- *Buddy system* /ċirku ta' ħbieb biex ħadd ma joqgħod waħdu
- Jorganizzaw żfin/logħob waqt il-brejk b'superviżjoni adekwata

**Riżorsi**

- *Brochures* informattivi dwar *bullying*
- Ir-regoli ta' imġiba aċċettabbli jkunu mwaħħla fil-kurituri tal-iskola
- Noti pożittivi (biex inħeġġu imġiba pożittiva)
- Programmi ta' prevenzjoni fuq livell ta' skola
- *Partnership* mal-ġenituri
- Sapport dwar *Cyberbullying* (http://www.kellimni.com)jiġi promoss fuq is-sit tal-iskola.
- Tnedija tal-*photo story* ippreparat minn Dr Micallef, għalliema tal-ħames sena mal-istudenti tagħha.

**Proċeduri għall-membri tal-istaff**

- Jintervjenu immedjatament (irreferi għall-proċeduri fid-dokument tal-politika dwar anti-bullying).
- Irraporta l-każ lill-membru tal-istaff nominat.
- Il-każ jiġi rekordjat fl-*incident report book*
- Il-Kap tal-iskola jinforma lill-ġenituri permezz ta' ittra.

**ST NICHOLAS COLLEGE, MGARR PRIMARY**

**Linji Gwida – Nindirizzaw l-*bullying* fl-iskola**

**(Tiġi ffirmata mill-ġenituri/kustodji)**

---

**Ġentilment imla il-formola t'hawn taħt u ibgħatha lura l-iskola. Żomm il-linji gwida għar-referenza tiegħek.**

**Politika dwar *Anti-Bullying***

Jien ġenitur/kustodju ta' ________________________________________ (isem tal-istudent) fi klassi ____________ qrajt u fhimt il-linji gwida ta' hawn fuq dwar politika tal-*anti-bullying* tal-iskola.

________________________________ ____________________________

Firma Numru tal-Identità